**247. L-Onor. Tonio Borg MP, Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern jipproponi:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'bejgħ lill-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika proprjeta' f'Ta' Qali kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 268, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' f'Ta' Qali kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'bejgħ lill-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imemmija fl-istess abbozz.

17.7.06